

Brussell, 17 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9465/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0121(NLE)

MAR 85
OMI 29

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-110 sessjoni tiegħu rigward l-adozzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 (il-Kodiċi HSC tal-1994) u għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-2000 (il-Kodiċi HSC tal-2000)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali
matul il-110 sessjoni tiegħu rigward l-adozzjoni ta' emendi
għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja
tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza
għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 (il-Kodiċi HSC tal-1994)
u għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji
ta' Veloċità Għolja tal-2000 (il-Kodiċi HSC tal-2000)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li l-għan tal-azzjoni tal-Unjoni fis-settur tat-trasport marittimu jkun li tittejjeb is-sikurezza marittima u li jiġu protetti l-ambjent tal-baħar u saħħet il-bniedem.
- (2) Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), matul il-110 sessjoni tiegħu mit-18 sas-27 ta' Ġunju 2025 ("MSC 110"), huwa mistenni jadotta emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 ("il-Kodiċi HSC tal-1994") u għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-2000 ("il-Kodiċi HSC tal-2000").
- (3) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-MSK 110, peress li l-emendi previsti għas-SOLAS, għall-Kodiċi HSC tal-1994 u għall-Kodiċi HSC tal-2000 jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1975².

¹ Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/45/oj>).

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1975 tad-19 ta' Lulju 2024 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u tal-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1667 (ĠU L, 2024/1975, 26.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1975/oj).

- (4) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għall-Kapitolu II-1 tas-SOLAS, billi ser jipprovdu kjarifika u ċertezza dwar l-applikazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjammabbiltà Baxx ("il-Kodiċi IGF") għall-fjuwils gassużi. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għall-Kapitolu II-2 tas-SOLAS, billi ser jiżguraw l-implimentazzjoni konsistenti ta' dak il-kapitolu għall-vapuri tal-passiġġieri u għall-vapuri tal-merkanzija. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi tal-Kapitolu V tas-SOLAS, billi ser itejbu s-sikurezza tal-bdoti fuq il-baħar. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa wkoll l-emendi tal-Kodiċi HSC tal-1994 u tal-Kodiċi HSC tal-2000 billi ser jallinjaw ir-rekwiżiti tal-ġarr tal-ġkieket tas-salvataġġ mar-rekwiżiti fil-Kapitolu III tas-SOLAS u jtejbju s-sikurezza tat-trabi f'każ ta' aċċident.
- (5) L-Unjoni la hija Membru tal-OMI u lanqas parti kontraenti għas-SOLAS u l-kodiċijiet mandatorji relatati tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSA 110.
- (6) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jkun limitat għall-kontenut tal-emendi proposti, sa fejn ikunu jistgħu jaffettwaw regoli komuni tal-Unjoni u jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma taffettwax id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fil-110 sessjoni tiegħu għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi għall-Kapitoli II-1, II-2 u V tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 u għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-2000, kif stabbilit fl-Annessi 1, 2, 3 u 4 tad-dokument MSC 110/3 tal-OMI.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 1 tkopri l-emendi proposti sa fejn dawk l-emendi jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u sa fejn kapaċi jaffettwaw ir-regoli komuni tal-Unjoni. Il-pożizzjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri, li huma lkoll membri tal-IMO, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet minuri fil-pożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1 mingħajr deċiżjoni ulterjuri min-naħa tal-Kunsill.

Artikolu 3

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati jagħtu l-kunsens tagħhom li jintrabtu, fl-interess tal-Unjoni, bl-emendi proposti, sa fejn dawk l-emendi jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
